Il-Qafas propost
tal-Kurrikulu Nazzjonali 2011



# L-Edukazzjoni tal-Ġejjieni ta' Uliedek

## Gwida għall-ġenituri

Il-Qafas propost
tal-Kurrikulu Nazzjonali 2011

# L-Edukazzjoni tal-Ġejjieni ta' Uliedek

## Gwida għall-ġenituri



© Id-Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, Malta, 2011
Ebda silta minn din il-pubblikazzjoni, ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat jew b'xi mod ieħor mingħajr il-permess tad-Direttorat.

# Għidilna x'taħseb

**Għeżież ġenituri,**

Jekk uliedkom mhumiex se jitilqu mill-iskola fiż-żmien qarib, l-ideat li jinsabu f'dan il-ktejjeb se jkollhom effett kbir fuqhom għaliex huma maħsuba li jaġġornaw it-tagħlim li t-tfal jitgħallmu fl-iskola u jtejbu l-mod kif ikunu mgħallmin. Dan il-ktejjeb joffri lill-qarrej ħarsa ħafifa tal-Qafas propost tal-Kurrikulu Nazzjonali 2011 (*NCF*), li se jkun implimentat gradwalment fis-snin li ġejjin.

Allura x'inhu l-*NCF*? Il-Kurrikulu Nazzjonali jippreżenta dak li l-istudenti għandhom ikunu jafu u jkunu kapaċi jagħmlu f'kull stadju tas-snin tagħhom fl-iskola. (Dan huwa differenti minn sillabu, li huwa pjan dettaljat ta' x'għandu jkun kopert f'kull suġġett). Il-kurrikulu l-ġdid, madankollu, huwa msejjaħ 'Qafas' għaliex jifforma l-bażi għall-kurrikulu li jrid ikun imfassal għal kull qasam ta' tagħlim (dan jiġi spjegat aktar fil-paġni ta' ġewwa) u se jippermetti lill-iskejjel biex ikunu aktar flessibbli fl-implimentazzjoni tiegħu.

Bil-liġi, il-Kurrikulu Nazzjonali għandu jiġġedded kull ftit snin sabiex jimxi maż-żminijiet li qegħdin dejjem jinbidlu. Dak li hemm fis-seħħ bħalissa, li jismu "Inwelldu l-Ġejjieni Flimkien", kien ippubblikat fl-1999. Il-verżjoni l-ġdida li qiegħda tkun proposta mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, tmur lil hinn minn dan. Mhux talli tagħti d-dettalji ta' kif għandu jsir it-tagħlim fl-iskejjel – hemm minnhom li diġà qegħdin ikunu pprattikati – imma wkoll, għall-ewwel darba jinkludi l-modi ta' kif dawn jinkisbu.

Għaldaqstant id-dokument hu dettaljat ħafna, u fih erba' volumi. Dan id-dokument ilu s-snin ikun ifformolat, bl-awtoritajiet edukattivi jaħdmu għal għan wieħed: li tiżdied aktar il-kwalità tal-edukazzjoni sabiex it-tfal kollha jagħmlu suċċess minn ħajjithom.

Qiegħed isir sforz kbir biex kulħadd ikun jista' jgħid tiegħu fid-dokument aħħari. L-iskola u l-għalliema ta' uliedkom huma fost dawk li qed ikunu kkonsultati. Issa, bħala ġenituri jmiss lilkom. Dan il-ktejjeb għandu l-għan li jgħinkom tagħmlu kontribuzzjoni għal-linji gwida li se jiffurmaw l-edukazzjoni ta' uliedek fil-futur qarib.

> "Il-proċess ta' konsultazzjoni huwa kruċjali għas-suċċess tal-qafas aġġornat tal-Kurrikulu Nazzjonali"
>
> *Prof. Grace Grima, id-Direttur Ġenerali, id-Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni.*

Qegħdin ikunu ppjanati laqgħat dwar l-abbozz tal-Kurrikulu Nazzjonali għalikom il-ġenituri, fl-iskejjel kollha. Matul dawn il-laqgħat tistgħu tiksbu aktar spjegazzjonijiet dettaljati u tagħmlu l-mistoqsijiet tagħkom. Ħudu nota ta' xi mistoqsijiet li jista' jkollkom waqt il-qari ta' dan il-ktejjeb sabiex tistaqsuhom waqt dawn il-laqgħat. Għal aktar tagħrif morru fuq: **www.education.gov.mt**



"F'Malta neħtieġu kurrikulu li jipprepara lill-istudenti mhux biss għal-lum iżda wkoll għas-soċjetà, esiġenti u aktar attiva soċjalment, tal-ġejjieni. Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (NCF) jagħmel sejħa għal responsabbiltà akbar fil-livelli kollha billi l-edukaturi flimkien ma' msieħba oħra jimpenjaw ruħhom biex joħolqu l-programm ta' edukazzjoni essenzjali biex it-tfal kollha jirnexxu."

*NCF Dokument Konsultattiv 2, Ir-Raġuni Fundamentali u l-Komponenti, p11*

# X'inhuma l-kunċetti ewlenin ta' dan il-kurrikulu?

Il-kunċetti ewlenin jistgħu jinqasmu f'10:

**1. L-ewwel għan tal-edukazzjoni huwa li jgħin lill-istudenti jsiru persuni li jkomplu jistudjaw tul ħajjithom kollha.**

Sa meta jaslu biex jitilqu mill-iskola, it-tfal għandu jkollhom il-ħila jkomplu jitgħallmu tul ħajjithom kollha. Dan jippermettilhom ikomplu jistudjaw, isibu u jibdlu x-xogħol, ikunu ta' suċċess fix-xogħol jew fil-karriera, ikunu ċittadini responsabbli u jkollhom rwol attiv f'soċjetà u dinja li qegħdin dejjem jinbidlu.

**2. L-istudenti kollha, huma x'inhuma l-ħiliet tagħhom, għandhom jingħataw l-appoġġ li jeħtieġu biex jagħmlu suċċess fil-ħajja tagħhom.**

Fi klassijiet ta' studenti li għandhom ħiliet differenti, l-għalliema se jiffukaw fuq kif juru lill-istudenti kif għandhom jitgħallmu, ikun x'ikun il-livell tagħhom ta' ksib, sabiex jesperjenzaw kemm l-isfidi kif ukoll is-suċċess. L-għalliema huma konxji li l-istudenti jimxu b'rati differenti ta' progress. Se jkun hemm ħarsa ġdida fejn għandu x'jaqsam l-irwol tal-Assistenti tat-Tagħlim li jagħtu appoġġ fl-Iskejjel Sekondarji.

**3. Il-Kulleġġi u l-iskejjel se jagħmlu xi uħud mid-deċiżjonijiet tagħhom dwar kif għandhom jintlaħqu l-ħiliet tal-istudenti tagħhom.**

Eżempju ta' dan huwa li l-iskejjel tal-gvern se jkunu jistgħu jallokaw ftit lezzjonijiet fl-orarju tal-ħin għal suġġetti partikolari kif jixtiequ huma. Se jingħataw aktar flessibbiltà fl-għażliet tas-suġġett li joffru, bħal fil-każ ta' xi lingwi barranin u l-introduzzjoni mill-ġdid tal-Accounts u l-Economics fl-Iskola Sekondarja fl-ogħla snin.

> "L-isfida qiegħda filli nissodisfaw il-ħtiġijiet ta' dawk li qed jitgħallmu f'dinja li qed tinbidel b'għaġla kbira. Biex tilqa' din l-isfida, l-komunità lokali jeħtiġilha taċċetta u tippromwovi attivament l-importanza tat-tagħlim tul il-ħajja – proċess li jagħraf u jaċċetta li kulħadd jista' jirnexxilu jsir persuna li qed titgħallem skont it-triq li jkun qabad."
>
> *NCF Dokument Konsultattiv 2, Ir-Raġuni Fundamentali u l-Komponenti, p12*

## IT-TKOMPLIJA tal-kunċetti ewlenin

"L-*NCF* ippreżentat f'dan id-dokument jipprova kon-xjament joħroġ mill-formola ta' kurrikulu pres-krittiv u jgħaddi għal qafas ta' kurrikulu. B'hekk qed jissuġġerixxi ċertu ammont ta' flessibbiltà biex jinkoraġġixxi lil dawk involuti li jkollhom vuċi akbar fid-determinazzjoni tal-kontenut biex ikun addattat għall-ħtiġijiet ta' dawk li qed jitgħallmu"

*NCF 2, p12*

**4. L-iskejjel isiru 'komunitajiet ta' tagħlim', li jmorru lil hinn mill-irwol tagħhom li jgħallmu lill-istudenti.**

Per eżempju, l-iskejjel kollha huma mistennija li jiżviluppaw politika dwar l-involviment tal-ġenituri fl-edukazzjoni u jsiru postijiet fejn il-ġenituri u l-membri l-oħra tal-komunità jistgħu jattendu għall-klassijiet ta' filgħaxija.

**5. L-istudenti għandhom ikunu mħejjija sew għal meta jiċċaqalqu mill-Kindergarten għall-Primarja u mbagħad għall-Iskola Sekondarja, sabiex it-tranżizzjoni tkun waħda mingħajr problemi.**

Kull stadju ta' tagħlim se jkun mibni fuq il-pedamenti li tqiegħdu qabel. Mhu se jkun hemm ebda qabża fil-ħiliet li jridu jkunu mgħallma. Il-livell ta' kisba tat-tfal se jkun as-sessjat fl-iskola Primarja u rrappurtat fl-iskola Sekondarja qabel it-tranżizzjoni. Dan il-mod ta' rappurtaġġ dwar il-progress u l-ksib permezz ta' livelli (livelli 1-10) huwa rrakkomandat kemm għas-snin tal-Primarja kif ukoll tas-Sekondarja. Mhuwiex dipendenti fuq l-età tal-istudenti imma fuq ir-rata tagħhom ta' progress. Din is-sistema ma tqisx il-kunċett ta' tfal li jgħaddu/ma jgħaddux, imma tip-permetti lill-istudenti kollha sabiex jagħmlu progress b'mod xieraq għal-livell li jmiss.

**6. L-għalliema se jippruvaw jinkludu 'l-istudenti b'mod attiv fil-klassi, billi jfasslu lezzjonijiet skont il-ħtiġijiet personali, l-interessi u l-esperjenzi.**

L-għalliema għandhom ikunu flessibbli fil-mod kif jgħallmu għaliex it-tfal jitgħallmu b'modi differenti u hemm diversi modi kif jistgħu jkunu motivati. L-*ICT* se jkun għodda ewlenija li se jintuża għal dan il-għan.

**7. L-istudenti mhumiex se jingħataw biss l-għarfien/it-teorija, imma se jkunu megħjuna jifhmu dak li tgħallmu, b'mod xieraq biex wara japplikawh.**

Se jkun hemm ħafna xogħol ta' prattika għaddej fil-klassi, bit-tfal jesploraw, janalizzaw, jinvestigaw u jesperimentaw. Se jkun ta' anqas importanza l-fatt ta' kemm jafu milli l-mod ta' kif jużaw



l-għarfien, f'oqsma li jvarjaw mill-ambjent u l-kultura, għall-intraprenditorija u l-kreattività.

**8. Is-suġġetti se jkunu kklassifikati f' 'oqsma ta' tagħlim' u mhux mgħallma b'mod individwali.**

Dan il-metodu se jippermetti l-ħolqien ta' aktar rabtiet u inqas suġġetti li jaħbtu f'xulxin bejn suġġetti ta' kull qasam ta' tagħlim, l-aħjar sabiex jirriflettu l-ħajja reali. It-tmien oqsma ta' tagħlim huma: il-Lingwi; il-Matematika; ix-Xjenza; it-Teknoloġija; iċ-Ċittadinanza; l-Edukazzjoni tar-Reliġjon; l-Arti; is-Saħħa.

**9. Barra t-testijiet u l-eżamijiet, se jsir ukoll assessjar tal-istudenti matul is-sena.**

Dan se jippermetti lill-għalliema jkunu jafu fiex qegħdin l-istudenti tagħhom fi kwalunkwe ħin sabiex ikunu jistgħu jippjanaw il-lezzjonijiet kif meħtieġ u jieħdu deċiżjonijiet dwar kif jistgħu jtejbu t-tagħlim tal-istudenti tagħhom.

**10. L-iskejjel għandhom kontinwament jevalwaw kif sejrin, u l-għalliema jingħataw aktar taħriġ professjonali.**

L-iskejjel ikunu evalwati minn korp barrani u mħeġġin jevalwaw lilhom infushom internament sabiex jidentifikaw il-ħtiġijiet tagħhom, ifasslu l-miri u l-għanijiet, u jiżviluppaw il-pjanijiet ta' ħidma. Il-ħtieġa tat-taħriġ jista' jiffoka, per eżempju, fuq modi ġodda ta' tagħlim, kif wieħed iħejji ruħu għal ħtiġijiet diversi tal-istudenti, u l-użu ta' għodod elettroniċi ta' tagħlim.

L-isfida li trieġi l-erba' dokumenti hi: "X'inhu l-iskop tal-edukazzjoni f'demokrazija fis-seklu 21? X'għandna nagħmlu b'mod differenti biex inħallu impatt dejjiemi fuq l-istudenti biex fl-aħħar mill-aħħar jgħixu ħajja aktar impenjata u jkollhom impatt dejjiemi biex jagħmlu din id-dinja waħda aħjar biex tgħix fiha?"

*NCF 2, p11*




"L-għanijiet tal-edukazzjoni... jippreparaw lit-tfal kollha biex isiru persuni li jibqgħu jitgħallmu ħajjithom kollha, ikunu fiduċjużi, jirnexxu, ikunu kreattivi, u magħqudin, u impenjati mal-komunità fid-dinja ta' madwarhom. L-edukazzjoni tagħhom għandha tagħtihom il-ħila li jiksbu l-għerf, il-ħiliet, il-valuri u l-attitudnijiet li jagħmluhom kapaċi jsostnu ċ-ċansijiet għal ħajjithom fid-dinja tax-xogħol li qed tinbidel, u jsiru ċittadini impenjati attivament."

*NCF 2, p24*

# X'tip ta' studenti għandu l-għan li jipproduċi l-kurrikulu?

Il-kwotazzjonijiet li ġejjin jagħtu ħarsa lejn it-tliet għanijiet edukattivi tal-*NCF*. Il-verzjoni kompluta hija mogħtija f'paġni 26 sa 33 ta' Dokument 2 tal-*NCF*.

**L-1 GĦAN** **Biex l-istudenti jibqgħu jistudjaw tul ħajjithom kollha, huma jridu:**

- **Ikollhom ħiliet personali u soċjali**

  "Waqt li jsiru indipendenti u jitgħallmu jieħdu ħsieb tagħhom infushom, it-tfal iż-żgħar jeħtiġilhom jitgħallmu kif jittrattaw dak li jħossu, jagħrfu u jidentifikaw l-emozzjonijiet, u jitgħallmu jkunu komdi magħhom infushom."

- **Jiżviluppaw fil-morali u b'mod spiritwali**

  "Permezz ta' ... esperjenzi individwali, fi gruppi jew fil-klassi, u permezz ta' riflessjoni personali, huma jeħtiġilhom jiżviluppaw id-diversi ħiliet li jwasslu għal tkabbir morali u spiritwali."

- **Ikunu jafu jaqraw u jiktbu, u għandhom bażi soda fil-Matematika u l-*IT***

  "Il-kisba tal-litteriżmu diġitali tinvolvi l-iżvilupp tal-fehim ta' sorsi ta' dejta u manipulazzjoni tad-dejta..."

- **Jitkellmu bil-Malti u bl-Ingliż, u jafu wkoll ilsna barranin**

  "Li wieħed ikun multilingwi jimplika li jkun kapaċi tikkomunika bil-kliem u bil-kitba mill-inqas fi tliet lingwi."

- **Ikunu kompetenti fix-xjenza u t-teknoloġija**

  "L-għan huwa li l-istudenti jgħaddu mill-esperjenza ta' edukazzjoni xjentifika wiesgħa li tħejjihom għal soċjetà li fiha x-xjenza u t-teknoloġija għandhom funzjoni ewlenija."

- **Jiżviluppaw kemm il-ħiliet tal-ħsieb kif ukoll dawk kreattivi**

  "Tul iċ-ċiklu tal-Primarja l-immaġinazzjoni u l-kurżità tat-tfal jeħtieg li jkunu żviluppati bħala mezzi biex jinvestigaw il-problemi u jużaw l-immaġinazzjoni tagħhom biex jesploraw soluzzjonijiet possibbli."

IT-TKOMPLIJA **tal-għanijiet tal-edukazzjoni**

## IT-2 GĦAN Biex l-istudenti jkunu ta' suċċess fid-dinja tax-xogħol, il-kwalitajiet meħtieġa jinkludu:

- **Komunikazzjoni kunfidenti u effettiva**
  "Żvilupp soċjali u personali jitlob li t-tfal jesprimu lilhom infushom b'mod li jiftiehem."

- **Il-ħila li jkunu mħarrġa mill-ġdid u mgħallma ħiliet ġodda**
  "L-istrateġiji tat-tagħlim jeħtieġ li jagħtu l-ħila lit-tfal biex ikunu jafu s-saħħiet u d-dgħjufijiet tagħhom infushom, biex ikunu kapaċi jtejbu u jadattaw b'mod intelliġenti għat-tibdil tar-realtajiet u l-kuntesti."

- **L-istabilità ekonomika u l-indipendenza**
  "Iż-żgħażagħ jeħtieġ ikunu jafu kif jużaw riżorsi personali u globali biex jgħollu kemm jista' jkun il-valur ekonomiku tagħhom."

- **Sens ta' intraprenditorija**
  "Permezz ta' teħid ta' riskji, ippjanar, perseveranza u l-użu tal-immaġinazzjoni tagħhom, it-tfal se jifhmu u jiżviluppaw il-ħila li jaħsbu b'mod kritiku u joħolqu u jagħtu valur lil prodotti ġodda li jgħinu lilhom u lill-oħrajn jadattaw ruħhom għall-bidliet fis-soċjetà."

- **Jagħtu kontribut fl-iżvilupp sostenibbli**
  "Permezz tal-esperjenzi tagħhom fl-iskola...isiru konxji tal-medda ta' soluzzjonijiet plawsibbli u jieħdu azzjoni biex itejbu l-ambjent immedjat tagħhom."





## IT-3 GĦAN Biex l-istudenti jibqgħu aġġornati mad-dinja ta' madwarhom li qiegħda tinbidel il-ħin kollu huma jridu:

- **Jirrispettaw u jivvalutaw id-diversità**
  "It-tfal jiskopru ħwejjeġ li jixxiebhu u differenzi madwarhom permezz tal-esperjenza tagħhom ta' kulturi u lingwi differenti."

- **Jirrispettaw u jippromwovu l-kultura Maltija**
  "It-tfal għandhom jimpenjaw ruħhom attivament fi proġetti li jgħinu fil-konservazzjoni tal-wirt reġjonali u nazzjonali tagħhom."

- **Jitgħallmu joperaw ma' kulturi differenti**
  "Il-parteċipazzjoni f'*e-twinning*, *Comenius* u proġetti oħra fost diversi skejjel, kemm f'livelli lokali kif ukoll f'dak internazzjonali, jiffaċilitaw l-esperjenzi interkulturali."

- **Iwettqu l-ġustizzja soċjali u d-demokrazija**
  "Iż-żgħażagħ jeħtieġ jiżviluppaw il-fehim tagħhom tal-ġustizzja soċjali u tal-prinċipji demokratiċi, u jassumu responsabbiltà akbar għal dawn f'dan il-qasam bħala parti mill-ħajja tal-iskola."



"Pedagoġija dominata mill-għalliem, li tirrelega lill-istudenti għal funzjoni passiva, tenfasizza l-memoriż-żazzjoni u tillimita inte-razzjonijiet bejn dawk li jkunu qed jitgħallmu, x'aktarx li ma tasalx biex tippromwovi tagħlim effettiv."

*NCF 2, p50*

# X'tip ta' tagħlim se jsir fil-klassi?

- L-għalliema se jibnu fuq l-għarfien kurrenti tal-istudenti u jgħinuhom jagħmlu progress minn dak l-għarfien.
- Mhux se jkun hemm spazju għal tagħlim passiv. L-istudenti jkunu megħjuna jagħmlu sens mill-għarfien il-ġdid u jiżviluppaw il-fehim tagħhom dwaru billi jikkomunikaw mal-għalliema u ma' sħabhom tal-klassi.
- It-tagħlim se jkun ta' sfida u se jinvolvi lill-istudenti kollha, minn dawk li jmorru l-inqas tajjeb fl-iskola sa dawk li jispikkaw.
- Il-fehim u l-applikazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet se jkunu aktar importanti milli joqogħdu jiftakru l-fatti.
- L-istudenti se jingħataw informazzjoni dwar kif sejrin, sabiex itejbu t-tagħlim tagħhom. L-enfasi se tkun dwar kif l-istudenti jitgħallmu kif għandhom jitgħallmu.
- L-għalliema se jipprovaw joħolqu ambjent fil-klassi li jappella għall-interessi tal-istudenti tagħhom u li jista' jkun esplorat b'modi li joffru sfida għalihom.
- L-istudenti se jingħataw esperjenzi diretti ta' tagħlim li jħeġġuhom jinvolvu ruħhom sabiex itejbu l-fehim u l-memorja tagħhom.
- Attivitajiet fil-klassi ta' din in-natura jeħtieġu tħejjija tajba min-naħa tal-għalliema sabiex ikunu jistgħu jippromwovu firxa sħiħa ta' ħiliet, attitudnijiet, għarfien u valuri.

"Il-programmi ta' tagħlim jeħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kompetenza aktar milli fuq l-għerf... partikolarment fil-kuntest ta' soċjetà fejn l-għerf hu faċilment aċċessibbli"

*NCF 2, p50*

# X'inhuma l-oqsma ta' tagħlim?

1. **Il-Lingwi.** Ħeffa fit-taħdit u l-kompetenza kemm fl-Ingliż kif ukoll fil-Malti. Il-bidu tat-tielet lingwa fil-livell Primarju. It-tielet u possibilment ir-raba' lingwa fil-livell Sekondarju.
2. **Il-Matematika.** Għarfien tajjeb tal-kunċetti bażiċi tal-Matematika fl-iskola Primarja u, fl-iskola Sekondarja, bi tħejjija għal aktar studji.
3. **Ix-Xjenza.** Għarfien ta' prinċipji u ħiliet fundamentali sabiex ikunu mifhuma u esplorati l-impatt tagħhom fil-ħajja ta' kuljum; it-tkomplija tal-istudji li jistgħu jwasslu għall-karrieri fix-Xjenza.
4. **L-Edukazzjoni tat-Teknoloġija.** Dan il-qasam jinkludi d-Disinn u t-Teknoloġija (iddisinja u agħmel) u l-Litteriżmu Diġitali (bl-użu tal-*ICT*).
5. **L-Edukazzjoni għas-Saħħa.** L-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport; aspetti tal- Edukazzjoni Personali, Soċjali u tas-Saħħa u l-*Home Economics*.
6. **L-Edukazzjoni Reliġjuża.** Din tfisser Edukazzjoni Kattolika Reliġjuża, li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Knisja. Huwa rrakkomandat li l-istudenti li ma jagħżlux dan is-suġġett, isegwu Programm ta' Edukazzjoni Etika.
7. **L-Edukazzjoni għaċ-Ċittadinanza.** Din tinkludi l-Istorja, il-Ġografija, l-Istudji Soċjali, l-Istudji Ambjentali, aspetti tal-*PSHE*, u l-*Home Economics*.
8. **L-Edukazzjoni fl-Arti.** Din tinkludi l-Arti, il-Mużika, iż-Żfin u d-Drama – l-espressjoni kreattiva.



"...korp ta' għarfien u ħiliet relevanti, li għandhom skop u huma konnessi ma' xulxin... Dan ma jimplikax it-tneħħija tal-kontenut tradizzjonali tas-suġġetti iżda l-ħolqien ta' rabtiet bejn u fost is-suġġetti biex jissaħħaħ it-tagħlim."

*NCF 2, p33*

> “Is-sistema kurrenti li tifred il-kurrikuli tal-Primarja u tas-Sekondarja f’suġġetti singoli tippreżenta lill-istudenti b’viżjoni frammentata ta’ għerf li ma twassalx għal edukazzjoni ħolistika.”
>
> *NCF 2, p33*

**Se jkunu hemm ħames temi tul il-kurrikulu kollu:**

1. **L-*eLearning*.** L-użu ta’ kontenut diġitali fit-tagħlim u waqt it-tagħlim.
2. **L-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli.** Li ssir attiv fit-teħid tad-deċiżjonijiet li jtejbu l-ambjent u l-kwalità tal-ħajja.
3. **L-Edukazzjoni Interkulturali.** Rispett u fehim ta’ kulturi differenti u l-ħila li tofroq il-firdiet kulturali.
4. **L-edukazzjoni għall-Intraprenditorija.** Il-ħila li tittrasforma l-ideat f’ħidma, tirrispondi għall-bidla, tieħu riskji, tippjana u timmaniġġja l-proġetti.
5. **Il-kreattività u l-innovazzjoni.** Li tikkoltiva t-talenti ta’ kull student u trawwem kwalitajiet bħalma huma li ssib is-soluzzjonijiet, li tmexxi, li taħseb b’mod innovattiv u li tesprimi lilek innifsek.




*L-Integrazzjoni ta’ Temi Interkurrikulari għal Skola Sħiħa*


open 208
33
Africa

# X'tip ta' għalliema huma meħtieġa?

## Skont l-*NCF*, dawn huma xi uħud mill-kwalitajiet ta' għalliema effettivi:

- Ikunu infurmati tajjeb mhux biss fis-suġġetti tagħhom imma jkollhom il-ħila jifhmu suġġetti oħra u japplikaw dan l-għarfien għall-oqsma tagħhom.
- Huma flessibbli u "jagħrfu dawk il-mumenti li joffru spunt għat-tagħlim".
- Jemmnu fil-ħiliet differenti tal-istudenti tagħhom, kontinwament joffrulhom sfidi, u jistennew ħafna minnhom.
- Jifhmu lill-istudenti tagħhom u jfasslu skont il-ħtieġa tagħhom il-metodi ta' tagħlim.
- Jirriflettu fuq ix-xogħol tagħhom u jistgħu jadattaw il-prinċipji tal-kurrikulu maċ-ċirkostanzi tal-klassijiet tagħhom.

L-*NCF* jipproponi li l-għalliema jingħataw ħafna appoġġ sabiex itejbu l-ħiliet tagħhom ta' tagħlim. Per eżempju, fl-iskejjel Primarji, l-Għalliema ta' Appoġġ se jkunu disponibbli biex jgħinu lill-għalliema tal-klassi jippjanaw u jwasslu lezzjonijiet fix-Xjenza, fit-Teknoloġija, fl-*IT* u fil-*PE*.

Sabiex jaġġornaw l-għarfien u l-ħiliet tagħhom, se jingħataw taħriġ regolari u opportunitajiet sabiex ikabbru l-iżvilupp professjonali tagħhom fi ħdan l-iskola. Jingħataw ukoll aċċess għal konsulenti u netwerks ta' professjonisti li jistgħu jiggwidawhom u jagħtuhom l-appoġġ.

"Irid jgħaddi ftit taż-żmien sewwa biex nidraw nibdlu l-mudelli mentali dwar dak li ngħallmu, kif ngħallmu, kif jitgħallmu l-istudenti u kif nassessjaw it-tkabbir tat-tagħlim tal-istudenti. Bidliet ta' din ix-xorta jitolbu moħħ miftuħ, flessibbiltà, paċenzja u kuraġġ."

*NCF 2, p19*

> "L-assessjar għal skopijiet sommarji ta' dak li tgħallmu l-istudenti m'għandux jiddependi minn kif marru darba fit-testijiet jew l-eżamijiet."
>
> *NCF 2, p57*



# Kif se jkunu asessjati t-tfal?

- L-assessjar tax-xogħol tal-klassi u tal-proġetti se jsir matul is-sena sabiex jipprovdi lill-għalliema, 'l-istudenti u 'l-ġenituri tagħhom informazzjoni kontinwa. Din se tkun imqabbla mal-livelli mistennija ta' ksib sabiex minn żmien għal żmien jitfasslu d-deċiżjonijiet u l-pjanijiet li hemm bżonn sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' kull tifel u tifla.
- Jistgħu jitwettqu testijiet fl-aħħar ta' taqsima jew perijodu ta' żmien, bħal f'nofs jew l-aħħar tas-sena, b'rapporti li jintbagħtu lill-ġenituri u 'l-għalliema tal-klassi li jmiss.
- It-tfal isiru konxji ta' x'inhu mistenni minnhom, sabiex jitgħallmu jevalwaw il-progress tagħhom.
- L-assessjar jibda jsir **fis-snin bikrin tal-iskola** (qabel l-iskola obbligatorja) bl-osservazzjoni u l-irreġistrar tal-kisbiet tat-tfal.
- **Fl-1, it-2 u t-3 Sena**, se tkun użata lista għall-iċċekkjar ibbażata fuq politika nazzjonali stabbilita, biex jiġu identifikati tfal b'diffikultà fil-litteriżmu, fil-prinċipji bażiċi tal-Matematika u l-litteriżmu diġitali, u jagħtuhom appoġġ iżjed.
- **Mir-4 sas-6 Sena**, l-assessjar se jsir fl-iskola u jinkludi l-ħiliet fit-taħdit u s-smigħ fl-Ingliż u l-Malti.
- L-eżamijiet ikunu introdotti **fir-4 Sena**, flimkien ma' forom oħra ta' assessjar.
- Fl-aħħar **tas-6 Sena**, se jkun hemm l-eżami nazzjonali tal-*benchmark* fil-Malti, l-Ingliż u l-Matematika. Dan huwa volontarju għall-Iskejjel tal-Knisja u dawk Indipendenti.
- **Fl-Iskola Sekondarja**, l-għalliema minn suġġetti differenti fi ħdan l-istess qasam ta' tagħlim jistgħu jfasslu u jassessjaw proġetti u xogħol tal-kors flimkien. Dan jippromwovi t-trasferiment tal-ħiliet u jevita li l-istudenti jkunu mgħobbija żżejjed bix-xogħol.
- L-assessjar tas-suġġetti vokazzjonali se jkun ibbażat fuq ix-xogħol ta' matul il-kors.
- Fl-iskejjel tal-Istat, jistgħu jkunu ppjanati xi eżamijiet annwali mill-Kulleġġ minflok dawk ċentrali.

"L-interazzjoni ta' kuljum bejn għalliema u studenti f'xogħol orali u bil-miktub, u attivitajiet oħrajn, u interazzjonijiet fost l-istudenti nfushom, jipprovdu informazzjoni siewja fuq x'jaf u x'għandu bżonn kull student."

*NCF 2, p55*

> "Fl-iskejjel Sekondarji jeħtieġ jitqiesu għadd ta' kriterji biex ikun żgurat li l-*NCF* jitqiegħed fil-prattika f'orarju skolastiku li jagħmel użu kemm jista' jkun sħiħ, mill-ħin tat-tagħlim."
>
> *NCF Dokument Konsultattiv 3, It-Tliet Ċikli, p57*

| **JUM** | **15 il-minuta** | **75 minuta** | **15 il-minuta** | **135 minuta** | **30 minuta** | **90 minuta** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TNEJN** | *Assembly & Settling* fil-klassi | Edukazzjoni Reliġjuża **30 minuta**<br>Malti **45 minuta** | Brejk il-qasir | Ingliż **45 minuta**<br>Matematika **45 minuta**<br>Teknoloġija **45 minuta** | Brejk it-Twil | Edukazzjoni għas-Saħħa **30 minuta**<br>Xjenza **30 minuta**<br>Edukazzjoni fl-Arti **30 minuta** |
| **TLIETA** | *Assembly & Settling* fil-klassi | Ingliż **45 minuta**<br>Edukazzjoni għaċ-Ċittadinanza **30 minuta** | Brejk il-qasir | Edukazzjoni għas-Saħħa **60 minuta**<br>Edukazzjoni Reliġjuża **30 minuta**<br>Matematika **45 minuta** | Brejk it-Twil | Edukazzjoni fl-Arti **45 minuta**<br>Malti **45 minuta** |
| **ERBGĦA** | *Assembly & Settling* fil-klassi | Edukazzjoni Reliġjuża **30 minuta**<br>Matematika **45 minuta** | Brejk il-qasir | Malti **45 minuta**<br>Ingliż **45 minuta**<br>Edukazzjoni għaċ-Ċittadinanza **45 minuta** | Brejk it-Twil | Edukazzjoni fl-Arti **60 minuta**<br>Edukazzjoni għas-Saħħa **30 minuta** |
| **ĦAMIS** | *Assembly & Settling* fil-klassi | Matematika **45 minuta**<br>L3 **30 minuta** | Brejk il-qasir | Edukazzjoni Reliġjuża **30 minuta**<br>Xjenza **60 minuta**<br>Ingliż **45 minuta** | Brejk it-Twil | Malti **45 minuta**<br>Edukazzjoni għas-Saħħa **45 minuta** |
| **ĠIMGĦA** | *Assembly & Settling* fil-klassi | Ingliż **45 minuta**<br>Xjenza **30 minuta** | Brejk il-qasir | Malti **45 minuta**<br>Matematika **45 minuta**<br>Edukazzjoni għas-Saħħa **45 minuta** | Brejk it-Twil | Edukazzjoni Reliġjuża **30 minuta**<br>Edukazzjoni għaċ-Ċittadinanza **60 minuta** |

*Il-Mudell ta' Orarji Skolastiċi għall-Iskejjel Primarji skont it-Tqassim Suġġerit ta' ħin tat-Tagħlim.*

# Kif se jkunu affettwati l-orarji tal-ħin tal-iskola?

L-għan huwa li l-għadd limitat ta' sigħat ikun utilizzat bl-aħjar mod:

## L-Iskejjel Primarji:

- Fl-1 u t-2 Sena, l-allokazzjoni tal-lezzjonijiet għandha tkun bbażata fuq temi aktar milli suġġetti: ix-Xjenza, ir-Reliġjon, l-Arti, is-Saħħa, u l-kumplament.
- Bejn it-3 u s-6 Sena se jkun hemm medja ta' 800 siegħa ta' tagħlim f'sena skolastika, li ma jinkludux eżamijiet, ħinijiet ta' rikreazzjoni u l-ħin tal-assembly ta' filgħodu.
- Il-lezzjonijiet f'dawn l-erba' snin jistgħu jvarjaw fit-tul bejn it-30 u s-60 minuta u għandhom jipprovdu bilanċ tajjeb bejn l-oqsma ta' tagħlim.
- Il-PE u l-isport se jkunu allokati 30 minuta kull ġurnata matul l-Edukazzjoni tas-Saħħa. Minbarra dan, l-iskejjel għandhom jorganizzaw attivitajiet relatati ma' sport waqt ir-rikreazzjoni ta' nofsinhar.

## L-Iskejjel Sekondarji:

- Se jkunu meħtieġa minimu ta' 38 lezzjoni fil-ġimgħa biex ikunu koperti l-ħtiġijiet tal-kurrikulu.
- Lezzjonijiet twal ta' bejn l-40 u l-45 minuta, u mhux inqas minn 42 minuta jekk dawn jinkludu ħin ta' vjaġġar bejn il-klassijiet.
- Il-ħin tal-assembly ta' filgħodu se jkun skedat ukoll, barra l-ħin attwali ta' tagħlim.
- Il-ħin ta' rikreazzjoni ta' nofsinhar ikun twil biżżejjed għal sports u attivitajiet oħra mhux formali.
- Qed ikunu proposti ħames orarji (*timetables*) alternattivi ta' ħin għall-Iskejjel Sekondarji. Skont liema orarju tal-ħin huwa użat, u s-Sena indirizzata, fost il-bidliet proposti wieħed isib:
  - Aktar lezzjonijiet fil-Malti – minimu ta' erbgħa fil-ġimgħa.
  - Ħames lezzjonijiet fl-Ingliż u erba' lezzjonijiet fil-Malti, jew *vice versa*, għad-diskrezzjoni tal-iskola, skont il-ħtiġijiet tal-istudenti tagħha.
  - Aktar lezzjonijiet fis-suġġetti li jaqgħu taħt il-qasam tal-Edukazzjoni tal-Arti, it-Teknoloġija, is-Saħħa, u ċ-Ċittadinanza.
  - Il-PE jiżdied minn żewġ lezzjonijiet għal tlieta fil-ġimgħa.
  - Għandhom ikunu allokati żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa għall-għażla tal-iskola.

# Kif jistgħu jinvolvu ruħhom aktar il-ġenituri fl-iskola?

## Ir-riċerka turi li aktar kemm il-ġenituri jkunu involuti fl-iskola, iktar hemm ċans ta' suċċess edukattiv għal uliedhom. L-*NCF* jipproponi li għandha titfassal politika nazzjonali dwar il-modi differenti ta' kif il-ġenituri jistgħu jikkomunikaw u jkunu involuti fl-iskola, sabiex ikun imsaħħaħ l-involviment tagħhom. Bħalissa hemm erba' modi kif il-ġenituri f'Malta jkunu involuti fl-iskola ta' uliedhom:

- **Rabtiet bejn l-iskola u d-dar:** Korrispondenza regolari bejn l-iskola u l-ġenituri, permezz ta' noti, ċirkularijiet u *e-mails*; attendanza fiċ-ċerimonji tal-iskola u l-funzjonijiet; laqgħat f'Jum il-Ġenituri jew laqgħat oħra, biex ikunu diskussi suġġetti jew għażliet dwar l-eżamijiet. Koordinazzjoni bejn id-dar u l-iskola sabiex tkun imtejba l-imġiba jew l-eżekuzzjoni.
- **Il-parteċipazzjoni tal-ġenituri:** Għajnuna fl-avvenimenti tal-iskola u l-attivitajiet bħal jum l-isports, ħarġiet, servizz fil-librerija, għajnuna fil-klassi, jew għajnuna fil-gruppi tal-qari.
- **L-involviment tal-ġenituri:** Ikunu involuti b'mod attiv billi jinfluwenzaw l-aġendi tal-iskola u d-deċiżjonijiet; sħubija fl-Assoċjazzjonijiet tal-Għalliema u l-Ġenituri, il-Kunsilli tal-Iskola, il-Bord tal-Gvernaturi, kif ukoll assoċjazzjonijiet lokali jew internazzjonali tal-ġenituri.
- **Tagħlim tul il-Ħajja tal-Ġenituri:** Ġenituri li jagħmlu użu mill-iskola għat-tkabbir personali tagħhom, billi jattendu laqgħat jew attivitajiet edukattivi oħrajn organizzati mill-iskola għat-taħriġ tal-mexxejja li jkunu ġenituri fi ħdan l-iskola u l-komunità lokali.

## L-*NCF* jipproponi wkoll aktar rabtiet b'saħħithom mal-komunità, billi jkunu organizzati:

- Żjarat fuq is-sit jew laqgħat għal studenti minn persuni mill-komunità.
- Klassijiet ta' filgħaxija għall-membri tal-komunità.
- Esperjenzi għall-orjentazzjoni tax-xogħol għal studenti, f'negozji fil-komunità.
- Sħubija mas-settur tan-negozju sabiex ikunu esplorati forom oħra ta' kollaborazzjoni.





"Ir-Rabta bejn id-dar u l-iskola, il-parteċipazzjoni u l-involviment tal-ġenituri, kif ukoll it-tagħlim tul il-ħajja għall-ġenituri huma punti differenti ta' dħul għall-ġenituri li huma nkoraġġuti li jikkunsidraw aktar forom, u forom aktar diversi ta' interazzjoni tal-ġenituri mal-iskejjel. L-erba' kategoriji huma importanti għall-ġenituri, uliedhom u l-iskejjel biex jiżguraw l-aħjar żvilupp edukattiv ħolistiku tal-imsieħba kollha involuti."

*NCF 2, p61*

# Xi rakkomandazzjonijiet oħra importanti?

## Iva, ħafna. Hawn huma ftit oħra li ta' min jissemmew:

- Se jkunu mfasslin "Ir-riżultati tat-tagħlim" – bażikament x'inhu mistenni li jitgħallem kull tifel u tifla f'kull qasam, f'kull livell.
- Il-livelli ta' ksib se jkunu mkejlin fuq skala ta' 10 punti li jkopru 'l-istudenti fil-ħiliet kollha tul l-edukazzjoni primarja u sekondarja kollha. Din se tgħin lill-għalliema jippjanaw il-lezzjonijiet madwar il-ħiliet differenti tal-istudenti.
- Is-snin ta' edukazzjoni obbligatorja għandhom jissemmew l-1 sal-11-il sena sabiex tkun riflessa l-kontinwità bejn iċ-ċiklu tal-primarja u tas-sekondarja.
- Għalliema tal-iskola Primarja se jkunu responsabbli mill-Edukazzjoni tal-Malti, l-Ingliż, il-Matematika, ix-Xjenza, it-Teknoloġija, ir-Reliġjon, iċ-Ċittadinanza u s-Saħħa (inkluż il-*PE* u l-*Home Economics*). L-għalliema speċjalisti se jieħdu f'idejhom klassijiet għall-Arti, il- Mużika, id-Drama, il-*PSHE* u introduzzjoni għal-lingwi barranin.
- Fl-iskola Sekondarja, se jkunu żviluppati programmi speċjali għal studenti li għadhom qed jesperjenzaw diffikultajiet fil-Malti, fl-Ingliż jew fil-Matematika.
- Jistgħu jkunu offruti lingwi barranin barra l-Għarbi, il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan, ir-Russu u l-Ispjanol.
- L-istudenti kollha fis-7 u fit-8 Sena se jitgħallmu l-Core Science. Fid-9, l-10 u l-11-il sena, l-istudenti jew ikomplu bil-Core Science, jew jispeċjalizzaw fil-*Materials Science*, il-*Life Sciences* jew il-*Physical Sciences.* (Aktar dwar dan fit-taqsima li jmiss dwar il-Viżjoni tax-Xjenza).



- Se jkunu introdotti erba' oqsma inizjali ta' suġġetti vokazzjonali bħala għażliet mill-2013: l-Inġinerija, l-Ospitalità, l-*IT Practitioner*, u l-Kura Soċjali u tas-Saħħa. Dawn qed ikunu ppruvati bħala proġetti pilota f'għadd ta' Skejjel tal-Gvern u dawk tal-Knisja u Indipendenti minn Settembru 2011.
- Għall-bidu se jitħaddem is-*setting* fis-Suġġetti Ewlenin tal-Matematika, l-Ingliż u l-Malti imma eventwalment it-tqegħid ta' studenti fil-klassijiet se jsir b'tali mod li dawn jixbhu 'l-klassijiet bi tfal b'ħiliet differenti fil-Primarja.
- L-iskejjel kollha għandu jkollhom strateġija lingwistika sabiex tkun implimentata l-Politika Nazzjonali tal-Lingwa, b'parteċipazzjoni qawwija mill-familji u l-komunitajiet.
- Barra minn hekk, huma proposti tliet politiki nazzjonali oħrajn: għall-assessjar, għad-diversità u l-inklużjoni, u għall-involviment tal-ġenituri.
- Aktar attenzjoni biex fis-snin bikrija u tal-bidu tal-Primarja, t-tfal ikollhom ħakma kif imiss tal-ewwel ilsien tagħhom, kif ukoll jibdew jiġu esposti għat-tieni lingwa.



"L-*NCF* hhuwa sejħa għal bidla paradigmatika fil-mod kif wieħed iħares lejn it-tagħlim u l-kurrikulu. Dan id-dokument ma jippreżentax formola maġika li ġġib fis-seħħ din il-bidla paradigmatika, iżda jagħraf li jeħtiġilna ningħaqdu flimkien biex nisfidaw l-i*status quo*, biex nisfidaw opinjonijiet u pożizzjonijiet staġnati, u biex niftiehmu bejn l-imsieħba kollha. Is-suċċess ta' dan il-proċess jiddependi mill-impenn ta' dawk kollha involuti tul is-snin li ġejjin waqt il-fażijiet ta' konsultazzjoni u implimentazzjoni."

*NCF Dokument Konsultattiv 4, It-Triq 'il Quddiem, p35*

# L-edukazzjoni fix-Xjenza

MMal-erba' dokumenti tal-NCF hemm ukoll il-ħames wieħed: **Viżjoni għall-Edukazzjoni fix-Xjenza f'Malta**. Dan id-dokument jagħti viżjoni għal dan il-qasam ibbażat fuq il-ħtiġijiet nazzjonali kurrenti u fil-ġejjieni.

Fid-dokument jingħad li s-sistema preżenti tax-xjenza tat-tagħlim hija "miżgħuda strateġiji u deċiżjonijiet meħudin għalihom, ibbażati fuq l-intuwizzjoni aktar milli evidenza empirika..." Fi kliem ieħor, il-bidliet mhux dejjem ħarġu minn viżjoni ċara u pjan ġenerali.

L-għan tal-edukazzjoni dwar ix-xjenza huwa "li jiżviluppa l-għarfien xjentifiku tal-istudenti kollha". Dan jippermettilhom li jagħmlu deċiżjonijiet infurmati meta qegħdin jippruvaw itejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom f'dinja li qiegħda dejjem tinbidel, jiżviluppa wkoll ħiliet u modi ta' ħsieb li jużaw l-evidenza biex jagħmlu d-deċiżjonijiet, u jfassal il-pedamenti għal dawk li jridu jkomplu f'karriera relatata max-xjenza.

L-għan huwa li jżid l-għadd ta' studenti li jagħżlu x-Xjenza u li jmorru aħjar fiha. Sabiex tinkiseb din il-viżjoni jinħtieġu:

- Studenti **fis-snin bikrija jitgħallmu jkunu kurjużi**, josservaw, jinvestigaw u jsaqsu l-mistoqsijiet.
- Kurrikulu flessibbli tal-*Core Science* **fis-snin tal-Primarja**, fejn l-iskejjel individwali jistgħu jagħmlu l-programm relevanti għall-istudenti tagħhom.
- Il-*Core Science* offrut **fl-Iskola Sekondarja**, u li jwassal għall-eżami tas-*SEC* għal dawk li ma jkomplux jistudjaw ix-xjenzi.
- Il-possibiltà li jittieħdu l-*Materials Science*, il-*Life Sciences* jew il-*Physical Sciences*, f'diversi għażliet, minn dawk li jixtiequ jistudjaw ix-xjenzi f'aktar dettall mid-9 Sena.

**Il-*Core Science:*** Kunċetti, prinċipji, teoriji u metodi ta' investigazzjoni organizzati f'temi li jiġbru flimkien għarfien minn oqsma differenti.
**Il-*Materials Sciences*:** L-istudju ta' materjali naturali u sintetiċi, kif inhuma użati fil-ħajja ta' kuljum u kif jistgħu jitħalltu biex isiru prodotti ġodda.
**Il-*Physical Sciences*:** Il-materja, l-enerġija u l-interazzjonijiet bejniethom, kemm fuq skala mikroskopika kif ukoll fil-livell tad-Dinja u l-Univers.
**Il-*Life Sciences*:** Il-kunċetti bijoloġiċi u relatati mal-Kimika. L-istudju tal-organiżmi żgħar u kbar. Il-ħajja fuq il-pjaneta tagħna bħala sistema.

**Dawn is-suġġetti 'ġodda' huma mod kif wieħed jersaq lejn il-Kimika, il-Fiżika u l-Bijoloġija, b'aktar attenzjoni għall-mod kif japplikaw għall-ħajja reali u kif jistgħu jkunu aktar interessanti.**

# Tagħrif Importanti

**Qari rrakkomandat:**

Lejn Edukazzjoni ta' Kwalità għal Kulħadd. Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali 2011

- Dokument Konsultattiv 1. Sommarju Eżekuttiv
- Dokument Konsultattiv 4. It-Triq 'il Quddiem

**Iż-żewġ volumi l-oħra huma:**

- Dokument Konsultattiv 2. Ir-Raġuni Fundamentali u l-Komponenti
- Dokument Konsultattiv 3. It-tliet ċikli: Is-Snin Bikrin, Is-Snin tal-Primarja, Is-Snin tas-Sekondarja

**Ara wkoll:**

- Viżjoni għall-Edukazzjoni fix-Xjenza f'Malta. Dokument Konsultattiv 2011

Il-ħames dokumenti jistgħu jitniżżlu mill-websajt tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja: **www.education.gov.mt**. Agħfas fuq **National Curriculum Framework 2011.**




Jistgħu jitħallew xi kummenti fuq il-websajt.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb billi tibgħat *e-mail* lil: **curriculum.meef@gov.mt** Tista' wkoll iċċempel lill-*Customer Care* fuq *Freephone*: **1571**

L-Edukazzjoni f'Malta waslet biex tagħmel qabża oħra 'il quddiem.

Il-Kurrikulu Nazzjonali, li fuqu l-iskejjel jibbażaw it-tagħlim tagħhom, huwa fil-proċess li jkun aġġornat. Se jkun imniedi għall-konsultazzjoni abozz ta' dokument, imsejjaħ "Qafas għall-Kurrikulu Nazzjonali 2011". Huwa mod kif jintlaħaq l-ogħla livell fis-sistema edukattiva f'Malta u se jinkludi tibdiliet fil-metodu ta' kif qed isiru l-affarijiet bħalissa sabiex jinkiseb dan l-għan.

Il-ġenituri huma fost dawk li qegħdin jiġu avviċinati biex jikkontribwixxu b'mod attiv fil-proċess ta' konsultazzjoni billi jsiru familjari mal-proposti li qegħdin imniżżlin f'dan il-ktejjeb. L-opinjoni tagħhom imbagħad se tkun użata sabiex ittejjeb u tiffinalizza d-dokument fl-2012.